Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,624, 5 ta' Ġunju, 1998
Taqsima B

A.L. 142 ta' l-1998

ATT DWAR ĦWEJJEĠ TA' L-IKEL, MEDIĊINALI U ILMA TAX-XORB (KAP. 231)

Regolamenti ta' l-1998 dwar Fdalijiet fil-Laħam

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 12 u 28 ta' l-Att dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb, il-Ministru tas-Saħħa, Kura ta' l-Anzjani u Affarijiet tal-Familja, fuq il-parir tal-Kunsill tas-Saħħa u ta' l-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards*, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 dwar Fdalijiet fil-Laħam, u għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Ottubru, 1998.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra—

"annimal mans" tfisser kull annimal ta' wens fid-dar;

"annimal tal-akwakultura" tfisser ħut, krustaċej jew molluski ħajjin imrobbija ġewwa *fish-farm,* inklużi dawk li jkunu trabbew fil-baħar miftuħ iżda li jkunu intiżi għal dak il-*farm*;

"annimal tar-razzett" tfisser annimal domestiku ta' l-ispeċi bovini, majjal, ovini u kaprini, annimali domestiċi b'difer mhux mifruq, pullam u fniek, annimali salvaġġi ta' dawk l-ispeċi u annimali salvaġġi li jixtarru li jkunu trabbew f'maqjel, kif ukoll dawk l-annimali tal-akwakultura li jintużaw b'mod intensiv;

"bejgħ" tinkludi li toffri, tesponi, tirreklama jew iżżomm għall-bejgħ u tipprovdi b'korrispettiv jew xort'oħra;

"Direttur" tfisser id-Direttur tas-Servizz Veterinarju;

"kura illegali" tfisser l-użu ta' sustanzi jew prodotti mhux awtorizzati, jew l-użu ta' sustanzi jew prodotti li jiġu biss awtorizzati taħt kondizzjonijiet speċjali;

"kura terapewtika" tfisser l-għoti taħt ir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti, lil xi annimal tar-razzett sustanza awtorizzata sabiex tiġi ikkurata, wara li jkun sar eżami minn veterinarju, problema ta' fertilità, inkluż il-waqfien ta' xi tqala mhux mixtieqa, u, fil-każ ta' *beta-agonists,* sabiex tingħieb *tocolysis* fil-baqar filwaqt tat-twellid ta' xi għoġol, sabiex jiġu ikkurati problemi respiratorji, u sabiex tingħieb *tocolysis* f'*equidae* li jkunu qed jitrabbew għal għanijiet speċifiċi li ma jkunux dawk ta' produzzjoni tal-laħam;

"kura żooteknika" tfisser l-għoti ta' xi sustanza:

(a) lil xi annimal tar-razzett, awtorizzata taħt ir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti, sabiex jiġi sinkronizzat *oestrus,* u sabiex jitħejjew id-donaturi u r-riċevituri għall-impjant ta' embrijoni, wara li l-annimal ikun ġie eżaminat minn veterinarju, jew, skond il-proviso li hemm mal-paragrafu (1) tar-regolament 6, taħt ir-responsabbiltà tiegħu; u

(b) fil-każ ta' annimali tal-akwakultura, lil grupp ta' annimali tat-trobbija għal inverżjoni sesswali b'riċetta ta' veterinarju u taħt ir-responsabbiltà tiegħu;

"veterinarju" tfisser kirurgu veterinarju li jkollu liċenza għaldaqshekk.

Projbizzjoni ta' prodotti kimiċi.

3. Id-Direttur għandu jipprojbixxi:

(a) li jitpoġġew fis-suq *stilbenes,* derivattivi ta' *stilbenes,* l-imluħa u l-*esters* tagħhom; sustanzi tirostatiċi; u *chloramphenicol* jew xi melħ jew *ester* tiegħu, għall-għoti lill-annimali ta' kull speċi; u

(b) li jitpoġġew fis-suq *beta-agonists* għall-għoti lill-annimali li l-laħam u l-prodotti tagħhom huma maħsuba għall-konsum tal-bniedem u għal għanijiet oħra li ma jkunux dawk li dwarhom hemm provdut fil-paragrafu (b) tar-regolament 5.

Aktar projbizzjonijiet.

4. Id-Direttur għandu iktar minn hekk jipprojbixxi:

(a) l-għoti lil xi annimal tar-razzett jew tal-akwakultura, b'kull mezz li jkun, ta' sustanzi li jkollhom azzjoni tirostatika, estroġenika, androġenika jew ġestaġenika, *chloramphenicol* u *beta-agonists*;

(b) iż-żamma, ħtif taħt kontroll uffiċjali, tal-annimali msemmija fil-paragrafu (a) ġewwa *fish-farm*, li jitpoġġew fis-suq jew jintbagħtu għall-qatla għall-konsum tal-bniedem, annimali tar-razzett jew tal-akwakultura li jkollhom ġewwa fihom is-sustanzi msemmija fil-paragrafu (a) jew li tkun ġiet stabbilita ġewwa fihom il-preżenza ta' dawk is-sustanzi, kemm-il darba ma tingħatax prova li dawk l-annimali jkunu ġew trattati skond ma hemm fir-regolament 5 jew 6;

(ċ) li jitpoġġew fis-suq għall-konsum tal-bniedem annimali tal-akwakultura li jkunu ngħatawlhom is-sustanzi msemmija fil-paragrafu (a), u l-prodotti proċessati derivati minn dawk l-annimali;

(d) li jitpoġġa fis-suq laħam tal-annimali msemmija fil-paragrafu (b); u

(e) l-ipproċessar tal-laħam imsemmi fil-paragrafu (d).

5. (1) Minkejja r-regolamenti 3 u 4 ta' dawn ir-regolamenti, id-Direttur jista' jawtorizza: Limitazzjonijiet.

(a) l-għoti lil annimali tar-razzett, għal għanijiet terapewtiċi, ta' *oestradiol 17 ß, testosterone, progesterone* u derivattivi li ta' malajr jirrilaxxaw il-kompost ewlieni mal-idrolisi wara l-assorbiment tagħhom mnejn jiġu applikati. Il-prodotti mediċinali veterinarji li jintużaw għall-kura terapewtika għandhom jingħataw biss minn veterinarju, b'injezzjoni jew fil-kura ta' disfunzjoni ovarja fl-għamla ta' spirali vaġinali iżda mhux b'impjant, lil dawk l-annimali tar-razzett li jkunu ġew identifikati b'mod ċar. Il-kura ta' annimali identifikati għandha tiġi reġistrata mill-veterinarju responsabbli għaldaqshekk li għandu jirreġistra mill-inqas dawn id-dettalji li ġejjin f'reġistru:

- l-għamla tal-kura,
- l-għamla tal-prodotti awtorizzati,
- id-data meta tingħata l-kura,
- l-identità tal-annimali ikkurati,
- l-identità tal-post fejn ikunu qed jinżammu l-annimali li jkunu qed jiġu ikkurati.

Ir-reġistru għandu jkun disponibbli għall-awtorità kompetenti kull meta din titlob biex tarah;

(b) l-għoti għal għanijiet terapewtiċi ta' prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati li jkun fihom:

(i) *allyl trenbolone,* li jingħata mill-ħalq, jew *beta-agonists* lil *equidae* u annimali mansi sakemm dawn jintużaw skond l-avviż tal-manifattur;

(ii) *beta-agonists,* fl-għamla ta' injezzjoni sabiex tingħieb *tocolysis* fil-baqar filwaqt tat-twellid ta' xi għoġol:

Iżda dawn is-sustanzi għandhom jingħataw minn veterinarju jew, fil-każ tal-prodotti mediċinali veterinarji msemmija fis-subparagrafu (i), taħt ir-responsabbiltà diretta tiegħu. Il-kura b'dawk is-sustanzi għandha tiġi reġistrata mill-veterinarju responsabbli għaldaqshekk, li għandu mill-inqas jirreġistra d-dettalji msemmija fil-paragrafu (a).

(2) Il-bdiewa huma projbiti milli jkollhom prodotti mediċinali veterinarji li jkun fihom *beta-agonists* li jistgħu jintużaw għal *induction* fil-kura ta' *tocolysis:*

Iżda, bla ebda preġudizzju għall-proviso li hemm mal-paragrafu (b) ta' dan ir-regolament, il-kura terapewtika ta' annimali għall-produzzjoni, inklużi annimali tat-trobbija, fl-aħħar tal-ħajja riproduttiva tagħhom, għandha tkun projbita.

Kura żooteknika.

6. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) tar-regolament 4 u bla ebda preġudizzju għar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, id-Direttur jista' jawtorizza l-għoti lill-annimali tar-razzett bil-għan ta' kura żooteknika, ta' dawk il-prodotti mediċinali veterinarji li jkollhom azzjoni estroġenika, androġenika jew ġestaġenika. Dawk il-prodotti mediċinali veterinarji għandhom jingħataw minn veterinarju lil annimali li jkunu identifikati b'mod ċar, u l-kura għandha tiġi reġistrata mill-veterinarju responsabbli għaldaqshekk skond il-paragrafu (a) tar-regolament 5:

Iżda d-Direttur jista' jippermetti s-sinkronizzazzjoni ta' *oestrus,* l-interruzzjoni tat-tqala u t-tħejjija ta' donaturi u riċevituri għall-impjant ta' embrijoni biex dawn ma jsirux direttament mill-veterinarju, iżda taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

(2) Għar-rigward ta' annimali tal-akwakultura, il-ħut żgħir jista' jiġi ikkurat għall-ewwel tliet xhur għal dik li hi inverżjoni sesswali bi prodotti mediċinali veterinarji li jkollhom azzjoni androġena u li jkunu awtorizzati mid-Direttur għal dak l-għan.

(3) Fil-każijiet li hemm provdut dwarhom f'dan ir-regolament, il-veterinarju għandu joħroġ riċetta li ma tiġġeddidx li tkun tispeċifika l-kura meħtieġa kif ukoll il-kwantità meħtieġa tal-prodott, u għandu jirreġistra dawk il-prodotti li jkunu ġew preskritti:

Iżda l-kura żooteknika tal-annimali tal-produzzjoni, inkluża dik matul iż-żmien ta' taħxin għal annimali tat-trobbija fi tmiem il-ħajja riproduttiva tagħhom, għandu jkun projbit.

Prodotti ormoniċi.

7. (a) Mhuwiex awtorizzat l-użu ta' dawn il-prodotti ormoniċi li ġejjin:—

(i) prodotti li jaġixxu bħala depożitu;

(ii) prodotti b'*withdrawal period* ta' iktar minn 15-il ġurnata wara li tintemm il-kura;

(iii) prodotti:

— li l-kondizzjonijiet tal-użu tagħhom ma jkunux magħrufin;

— li dwarhom ma jkunux jeżistu reaġenti jew tagħmir li jikxfu l-preżenza ta' fdalijiet f'ammonti ikbar mil-limti permessi fil-każ ta' teknikalitajiet analitiċi.

(b) M'huwiex awtorizzat l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji li jkun fihom *beta-agonists* li jkollhom *withdrawal period* ta' iktar minn 28 ġurnata wara li tintemm il-kura.

Ħtiġiet kummerċjali.

8. (a) Għall-għanijiet ta' kummerċ, id-Direttur jista' jawtorizza li jitpoġġew fis-suq dawk l-annimali tat-trobbija li tkun saritilhom il-kura msemmija fir-regolamenti 5 u 6, u jista' jawtorizza t-twaħħil ta' siġill veterinarju fuq il-laħam ta' dawk l-annimali fejn il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 u l-inqas *withdrawal periods* stabbiliti fir-regolament 7 taħt il-paragrafi (a) (ii) jew (b) rispettivament, jew il-*withdrawal periods* li hemm provdut dwarhom fl-awtorizzazzjoni biex jitpoġġew fis-suq, ikunu ġew imħarsa:

Iżda l-kummerċ fi żwiemel ta' valur għoli, b'mod partikolari żwiemel tat-tiġrija, żwiemel tal-kompetizzjoni, żwiemel taċ-ċirku jew żwiemel maħsubin għal għanijiet ta' studju u ta' esibizzjoni, inklużi *equidae* reġistrati li lilhom ikunu ngħataw prodotti mediċinali veterinarji li jkun fihom *allyl trenbolone* jew *beta-agonists* għall-għanijiet imsemmija fir-regolament 5, jista' jsir qabel ma jintemm il-*withdrawal period* sakemm ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet li jirregolaw l-għoti tal-mediċinali u sakemm l-għamla u d-data tal-kura jitniżżlu fuq iċ-ċertifikat jew il-passaport li jkunu jsieħbu lil dawk l-annimali.

(b) Il-laħam jew il-prodotti ta' annimali li jkunu ingħatawlhom sustanzi li għandhom azzjoni estroġenika, androġenika jew ġestaġenika kif ukoll *beta-agonists*, skond id-dispożizzjonijiet dispensatorji ta' dawn ir-regolamenti, ma jistgħux jitpoġġew fis-suq għall-konsum tal-bniedem kemm-il darba dawk l-annimali ma jkunx ġew ikkurati bi prodotti mediċinali veterinarji li jkunu jaqblu mal-ħtiġiet tar-regolament 7, u sakemm il-*withdrawal period* stipulat ikun ġie mħares qabel ma l-annimali jkunu ġew maqtula.

Verifiki ulterjuri mid-Direttur.

9. Id-Direttur għandu jiżgura li:

(a) fil-waqt ta' l-importazzjoni, manifattura, ħażna, distribuzzjoni, bejgħ u użu tas-sustanzi msemmija fir-regolamenti 3 u 4(a), il-pussess tagħhom ikun ristrett għal persuni awtorizzati;

(b) jsiru verifiki mill-awtoritajiet kompetenti mingħajr ma jingħata xi avviż bil-quddiem bil-għan li jiġu aċċertati fatti li jkollhom x'jaqsmu ma: —

(i) il-pussess jew il-preżenza ta' sustanzi jew ta' prodotti li jkunu projbiti taħt ir-regolament 3 li jkunu maħsuba biex jingħataw lill-annimali bil-għan ta' taħxin;

(ii) il-kura illegali ta' l-annimali;

(iii) in-nuqqas ta' tħaris tal-*withdrawal periods* hekk kif provdut dawhom fir-regolament 7;

(iv) in-nuqqas ta' tħaris tar-restrizzjonijiet ta' l-użu ta' ċerti sustanzi jew prodotti stipulati fir-regolamenti 5 u 6;

(ċ) isiru testijiet biex tinkixef il-preżenza ta':

(i) is-sustanzi msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan ir-regolament fl-annimali, fl-ilma tax-xorb tal-annimali, u f'kull post fejn l-annimali jitrabbew jew jinżammu;

(ii) fdalijiet tas-sustanzi hawn aktar qabel imsemmija f'annimali ħajjin, fil-ħmieġ u fil-fluwidi li joħorġu minn ġo fihom, u fit-tessuti u prodotti tal-annimali; u

(d) meta l-verifiki li hemm provdut dwarhom fil-paragrafi (b) u (ċ) ta' dan ir-regolament ikunu jikxfu:

(i) il-preżenza ta' sustanzi jew ta' prodotti li l-użu jew il-pussess tagħhom ikun ipprojbit, jew il-preżenza ta' fdalijiet ta' sustanzi li l-għoti tagħhom hu klassifikat taħt l-intestatura ta' kura illegali, dawk is-sustanzi jew prodotti għandhom jiġu konfiskati, filwaqt li dawk l-annimali li jkunu ġew ikkurati b'dawk is-sustanzi jew laħam li jittieħed mill-annimali għandhom jitqegħdu taħt sorveljanza uffiċjali sakemm ikunu ngħataw il-pieni meħtieġa;

(ii) fil-każ ta' nuqqas ta' tħaris tal-ħtiġiet tal-paragrafi (b)(ii) u (iii) ta' dan ir-regolament, l-awtorità kompetenti għandha tieħu miżuri xierqa li jkunu konsistenti mal-gravità tal-kontravvenzjoni.

Dokumentazzjoni dwar xiri u bejgħ.

10. Impriżi li jixtru jew jipproduċu sustanzi li jkollhom azzjoni tirostatika, estroġenika, androġenika jew ġestaġenika u *beta-agonists*, impriżi awtorizzati f'kull kapaċità li jikkummerċjaw dawk is-sustanzi, u impriżi li jixtru jew jipproduċu prodotti mediċinali farmaċewtiċi u veterinarji minn dawk is-sustanzi, jenħtieġu li jżommu reġistri li jkunu juru, f'ordni kronoloġiku, dawk il-kwantitajiet li jiġu prodotti jew miksubin, u dawk li jinbiegħu jew jintużaw għall-produzzjoni ta' prodotti mediċinali farmaċewtiċi u veterinarji, u l-ismijiet tal-persuni li lilhom ikunu nbiegħu dawk il-kwantitajiet jew mingħand min dawn ikunu nxtraw. Dak it-tagħrif għandu jkun disponibbli għad-Direttur jekk u meta jitolbu u, fil-każ ta' *records* li jinżammu bil-kompjuter, dan għandu jkun disponibbli fil-għamla ta' *print-out*.

Ħtiġiet dwar l-importazzjoni.

11. (a) Dawk il-pajjiżi li l-leġislazzjoni tagħhom tkun tawtorizza li jitpoġġew fis-suq u jingħataw *stilbenes*, derivattivi ta' *stilbenes*, l-imluħa u l-*esters* tagħhom, sustanzi tirostatiċi jew *chloramphenicol*, għall-għoti lill-annimali ta' kull speċi, m'għandhom ikunu jidhru fuq ebda lista li tawtorizza l-importazzjoni ta' annimali tar-razzett jew tal-akwakultura jew ta' laħam jew ta' prodotti miksuba minn dawk l-annimali.

(b) Id-Direttur għandu jipprojbixxi wkoll l-importazzjoni ta':

(i) annimali tar-razzett u tal-akwakultura

— li jkunu ngħatawlhom b'kull mod li jkun prodotti jew sustanzi msemmija fil-paragrafu (a) tar-regolament 3;

— li jkunu ngħatawlhom sustanzi jew prodotti msemmija fil-paragrafu (a) tar-regolament 4, kemm-il darba dawk is-sustanzi jew prodotti ma jkunx ingħataw li tħaris tad-dispożizzjonijiet u l-ħtiġiet stabbiliti bir-regolamenti 5, 6 u 8, u ma jkunx ġew osservati l-*withdrawal periods* permessi f'rakkomandazzjonijiet internazzjonali; u

(ii) laħam jew prodotti miksuba minn annimali li l-importazzjoni tagħhom tkun projbita taħt is-subaparagrafu (i) ta' dan il-paragrafu.

(ċ) Annimali maħsuba għat-trobbija, annimali tat-trobbija fi tmiem il-ħajja riproduttiva tagħhom, jew laħam ġej minnhom, jistgħu jiġu importati minn pajjiżi li jkunu jipprovdu garanziji mill-anqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti b'dawn ir-regolamenti.

(d) Kull verifika dwar l-importazzjonijiet magħmula għandha ssir mid-Direttur.

Ħassar A.L. 53 ta' l-1989.

12. Ir-Regolamenti ta' l-1989 dwar Fdalijiet fil-Laħam, huma b'dawn imħassrin.